MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Numru. 169/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**Vs**

**RAYMOND CALLEJA ta' 41 sena bin Francis u Victoria nee' Muscat, imwieled Naxxar fit-8 ta' Frar 1967, residenti fil-fond numru 7, Triq il-Mithna, Zebbug u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 129872(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Raymond Calleja u cioe` talli:

a. fil-lejl ta' bejn l-10 u il-11 ta' Lulju 2002 fi Triq id-Durumblat il-Mosta ikkometta serq ta' diversi oggetti,

fosthom mutur tal-hart u pompa ta'l-ilma, li l-valur totali taghhom teccedi s-somma ta' elf lira Maltin minn gol-fond, "garage" sitwat fi Triq id-Durumblat, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Vincent Sammut.

b. U aktar talli fid-29 ta' Novembru 2002 u fix-xhur ta' qabel dina id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta'serq ikkwalifikat bil-mezz, hin u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin.

c. U finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta instab hati b'zewg sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali tas-7 ta' Dicembru 2004, esebiti a fol.104 tal-process;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi ittratat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat Raymond Calljea jinsab akkuzat principalment b'akkuza ta' serq ta' mutur tal-hart u pompa ta'l-ilma minn kamra rurali gewwa l-Mosta u dana ghad-dannu ta' certu Vincent Sammut, sid dawna l-oggetti.

Illi mill-provi migjuba quddiem dina l-Qorti jidher illi dawna l-oggetti ntsabu fil-pussess ta'l-imputat. Fil-fatt jidher illi kien l-imputat stess illi minghajr l-ebda tlaqliq stqarr ma'l-ufficjali investigattivi illi huwa kellu dawn l-oggetti fil-pussess tieghu u anke wassalhom ghalihom. Jidher illi l-pulizija waslu ghal persuna ta'l-imputat minn rapport anonimu li kienu ircevew.

Meta interrogat mill-pulizija (ara stqarrija ta'l-imputat a fol.17), l-imputat innega illi huwa kien seraq dawna l-oggetti, izda stqarr illi fil-fatt kien xtrahom minn ghand wiehed ta' nazzjonalita' Gharbija li ma kienx jafu qabel dina l-okkazzjoni, izda li sar jaf li jismu Selah, ghal prezz ta' Lm450. Mill-istess stqarrija jidher illi kollox sar bil-mohbi. Ighid illi l-Gharbi gie sabu fuq il-post fejn kien qieghed jahdem, iqatta' l-blat u qallu li kellu mutur tal-hart ghal bejgh. Huwa urieh li kien interessat u l-ghada fil-ghodu kmieni gablu dana il-mutur flimkien mal-pompa ta'l-ilma li l–imputat qal kienu mohbija wara xi sigar. L-imputat ighid illi wara li ftiehmu fuq il-prezz hallsu dak il-hin stess fi flus kontanti minghajr lanqas ipprova jara jekk dawna l-ghodda jiffunzjonawx, u minghajr ma' dina l-persuna taghtu ricevuta. Ighid illi lil din il-persuna qatt ma rega' raha iktar. L_imputat ikompli ighid illi huwa halla dawn l-oggetti mohbija fejn hallihomlu l-Gharbi, kompla bil-lant tax-xoghol tieghu u meta lesta ghabbihom u hadhom lejn l-ghalqa. Mill-istess stqarrija jidher illi huwa kien jixtri oggetti li kien ikun jaf li gejjin minn serq. Fil-fatt il-pulizija sabulu ukoll diversi ghodda li jintuzaw f'hafna snajja differenti mahzuna fil-garaxx tieghu. Illi l-imputat jikkonferma dina l-verzjoni tal-fatti fix-xhieda tieghu quddiem dina l-Qorti.

Mix-xhieda tad-derubat Vincent Sammut jidher illi l-oggetti misruqa kellhom valur ta' madwar Lm830. (ara xhieda ta' Vincent Sammut u id-dokumenti S5 u S7 a fol. 24 u 26). Id-derubat isostni illi lill-imputat kien jafu qabel peress illi ghandu xi raba fil-vicinanzi tieghu u kien anke isellimlu, qabel ma sehhet is-serqa in kwistjoni. Ighid illi wara illi gie arrestat mill-pulizija, l-imputat ma baqax isellimlu.

Oltre dana ma hemmx xhieda ohra li jistghu jitfghu dawl fuq min fil-verita ikkometta is-serq ta' dawn l-oggetti. Mill-atti ta'l-inkjesta esebiti a fol.47 tal-process, jirrizulta illi ghalkemm gew elevati xi impronti digitali minn fuq il-post fejn sehhet is-serqa, madanakollu dawna qatt ma gew ikkomparati ma'l-impronti digitali ta'l-imputat u allura dina l-Qorti inqas u inqas tista taghmel ness bejn is-serqa u il-persuna ta'l-imputat. Illi ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi fl-atti processwali ma hemmx l-icken indizju li jista' iwassalha sabiex tikkonkludi illi l-imputat fil-verita seraq l-oggetti in kwistjoni.

L_istess ma jistax jinghad ghall-akkuza l-ohra tar-ricettazzjoni ai termini ta'l-artikolu 334(a). Illi kif diga inghad iktar 'il fuq l-oggetti misruqa instabu fil-pussess ta'l-imputat li ammetta mal-ewwel mal-pulziija illi huwa kellu dawna l-oggetti. Illi l-verzjoni moghtija mill-imputat dwar kif akkwista dawna l-oggetti hija wahda kemmxejn dubbjuza u inverosimili. L-imputat ma jafx min kienet il-persuna li bieghetlu dawna l-oggetti hlief li kien bniedem Gharbi. Ighid illi dana il-bniedem minghajr lanqas biss kien jafu mar fuqu u qallu li kellu dawna l-oggetti ghal bejgh. Wiehed jistqasi, kif seta' dana l-Gharbi ikun jaf minn qabel illi l-imputat seta' kien interessat jixtri dawna l-oggetti? Illi l-imputat qabad u xtara dawna l-oggetti fl-ghama minghajr lanqas biss ivverifika jekk kienux funzjonabbli. Inoltre jidher illi kellu bizzejjed flus kontanti fuqu sabiex ikun jista' ihallas lil dana l-Gharbi dak il-hin stess illi gablu l-oggetti in kwistjoni. Illi dawna l-oggetti gew mohbija minn dana l-Gharbi wara xi sigar u l-imputat hemm halliehom sakemm gie biex jghabbihom u hadhom lejn l-ghalqa tieghu. Inoltre mill-istqarrija tieghu jidher car illi dina ma kenitx l-ewwel darba illi l-imputat xtara oggetti li kien ikun jaf li kienu misruqa. Dana kollu iwassal lil din il-Qorti ghal konvinciment illi l-imputat, meta akkwista l-oggetti in kwistjoni kien ben konxju tal-fatt illi dawna l-oggett kienu provenjenti minn serq. F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-16 ta' Dicembru 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri jinghad:

*"Fir-ricettazzjoni l-element intenzjonali jirrikjedi illi r-ricettatur ikun jaf jew mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz*

*ikun messu ragjonevolment ikun jaf li l-oggett li qed jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.” Tant kien jaf l-imputat illi dan il-mutur u l-pompa kienu oggetti misruqa, illi meta gie mitkellem mill-pulizija huwa mal-ewwel indikalhom dawna l-oggetti, minghajr ma huma lanqas biss staqsewh ghalihom. Kwindi dina l-akkuza tirrizulta ippruvata.*

L-istess jista’ jinghad dwar l-ahhar akkuza migjuba fil-konfront ta’l-imputat u cioe’ dwar l-akkuza tar-recidiva. Illi mill-atti processwali inghataw zewg sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), ippresjeduta mill-Magistrat Saviour Demicoli wahda datata 16 ta’ Mejju 2000 u l-ohra 8 ta’ Novembru 2001 esebiti a fol. 22 u 96 tal-process rispettivament. Illi id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq il-prova dwar l-identita ta’ l-imsemmija sentenzi u kwindi dina l-akkuza tirrizulta ampjament ippruvata.

Illi dwar piena, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat ikkollabora bis-shih mal-pulizija fil-kors ta’l-investigazzjonijiet taghhom u irritorna minnufih l-oggetti misruqa, liema oggetti illum jinsabu f’idejn id-derubat. Illi anke mil-fedina penali, esebita a fol.4 sa 7, jidher illi l-imputat gie misjub hati dwar xi kontravvenzjonijiet u reat konnessi mal-taxxa fuq il-valur mizjud u mhux xi reati ohra ta’ natura iktar gravi.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 49, 50, u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni, izda issibu hati tat-tieni u it-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u cioe’ l-akkuza ta’ ricettazzjoni u tar-recidiva, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata.

Finalment b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali il-Qorti qieghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-

ispejjez kollha in konnessjoni man-nomina ta’l-esperti fl-atti ta’l-inkjesta fl-ammont ta’ tlett mija u wiehed u tmenin euro u sebgha u tletin centezmu ta’l-euro (€381.37) ekwivalenti ghal Lm163.72. favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------